MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Numru 664/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**
**v**

**OMAR GRANATA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMAR GRANATA** ta' nazzjonalita Maltija ta' tmienja w ghoxrin sena bin Cosimo u Maria Regina imwieled Rimini, l-Italja nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 1975 u residenti 'Villa Rimini' Triq d-Dirsa, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 044204L, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Awissu 2004 u matul l-jum ta' qabel, u matul l-ahhar jiem f'dawn il-Gzejjer, impjiega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom

ghal dak l-impjieg jew xoghol skond d-disposizzjoni tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta jew mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-artikolu 23 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
Talli bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa r-ristorant 'Little Italy' f'Bugibba, impjiega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu w ufficjali.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala l-principal jew il-persuna li mpjiega persuni ohra, full time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3a u 10].

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2004 esibit fl-atti bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ewwel ta' Settembru 2004.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 23 u 32 tal-Kap 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 30 u 10 tal-Avviz Legali 110/1993.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Katerina Pitel, Mario Nasca u rappresentant tal-Ufficju tas-Citizenship of Expatriates.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 xehed l-Ispettur Mario Haber** fejn esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li hija markata bhala dokument MH a fol 5 tal-atti odjerni.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 xehdet Katerina Pitel** fejn spjiegat li hija ghandha cittadinanza Ukraina u qalet li hija kienet talbet lil certa Gina ghal xi xoghol f'restaurant f'Bugibba maghruf bl-isem 'Little Italy', ghall-ewwel din Gina ma riditx timpjegha izda wara certu zmien din Gina cemplitilha u talbitha tmur tahsel l-platti fil-kcina. Hija accettat u ghamlet xi jiem tahdem ta' dishwasher fir-restaurant bl-isem 'Little Italy' u kienet tithallas lira jew lira u hamsa w ghoxrin centezmu kull siegha u kienet tahdem mid-disgha w nofs ta' filghaxija sal-hdax u nofs ta' bil-lejl fi tlett okkazzjonijiet fil-gimgha. Ikkonfermat dak li gie suggerit lilha mill-Avukat Difensur li Gina kienet taghtiha l-ikel kemm ghaliha kif wkoll ghal familja taghha. Mistoqsija jekk kienetx taf x'relazzjoni ghandu l-imputat fir-restaurant, hija wiegbet fin-negattiv.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 xehed Mario Nasca,** li hu ghandu cittadinanza Taljana, fejn qal li hu kien talab lil imputat ghal xi impjieg bhala kok. Spjiega li hu kien wasal Malta fl-ahhar ta' Lulju flimkmien ma martu w uliedu wara li kien ghamel xi zmien jahdem l-Ingilterra. Qal li huwa ghandu s-sengha ta' kok u talab lil imputat biex jhaddmu. Huwa ghamel xi zmien jahdem bhala prova versu l-korrrespettiv ta' hamsin lira maltin fil-gimgha. Mistoqsi kellux work permit dan ix-xhud wiegeb fin-negattiv u mistoqsi minn hallsu ghax-xoghol li hu kien ghamel wiegeb li kien l-imputat odjerni li kien hallsu.

**Alexander Fenech**, rappresentant talk-Ufficju tal-Expatriates, **xehed nhar l-ewwel ta' Settembru 2004** w ikkonferma li Katerina Pitel u Mario Nasca ma kellhom ebda permess li jahdmu hawn Malta.

**L-imputat ghazel li ma jixhidx** w ibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx minn kien l-licensee tal-fond 'Little Italy' u ghalhekk l-imputat m'ghandux jinstab hati. Illi pero fl-atti hemm esibita l-istqarrija rilaxxjat amill-imputat nhar t-tnax ta' Awissu 2004 markata bhala dokument MH u cioe dik rilaxxjata a tempo vergine tal-investigazzjoni. Minn ezami ta' din l-istqarrija li ma hija kontradetta minn hadd, jirrizulta li l-imputat huwa l-Manager tal-fond/restaurant bl-isem 'Little Italy' sitwat

f'Bugibba u li l-licensee huwa certu Mark Schembri. Mistoqsi minn jhallas il-haddiema ta' dan l-istabbiliment, l-imputat wiegeb li kien hu. Mistoqsi x'kienet qed taghmel l-mara Ukraina li l-Pulizija sabu fil-lokal hu qal li kienet habiba ta' ommu u marret hemmhekk xi hames darbiet meta ommu kienet tghaddilha xi ikel bhal pizza ghaliha w ghal uliedha. Meta gie mistoqsi jekk thallsitx ghax-xoghol li ghamlet bhala dishwasher, hu wiegeb li minghandu ma thallsitx.

Dwar ix-xhud Mario Nasca, l-imputat ma gie mistoqsi ebda domanda ghalkemm mix-xhieda ta' Mario Nasca stess jirrizulta li kien ghamel perjodu ta' probation jahdem fir-restaurant 'Little Italy' u qala hamsin lira maltin u dan minghand l-imputat. Illi din x-xhieda qatt ma giet kontradetta minn xi hadd, lanqas mill-imputat li ghazel li ma jixhidx.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat principalment bir-reat kif dispost fl-artikolu 23 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li <u>mpjiega jew ta xoghol</u> lil persuni li ma kienux ezenti u li ma kellhomx licenzja mghotija lilhom ghal dak l-impjiega <u>jew</u> mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil w in oltre, li bhala l-persuna responsabbli ghax-xoghol li kien qed isir gewwa l-istabbiliment tieghu 'Little Italy' f'Bugibba, impjiega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta ma kellhomx permess validu w ufficjali u talli naqas li jinforma lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg.

Illi dwar x-xoghol ta' Katerina Pitel, il-Qorti ghandha r-riservi taghha jekk effettivament kienetx qed tahdem jew le ghal imputat jew jekk kienetx qed tghin lil sehbitha Gina u din taghtiha xi flejjes. Pero ghar-rigward Mario Nasca, il-Qorti hija konvinta li dan kien qed jahdem bil-konoxxenza tal-manager l-imputat ghal perjodu zghir ta' zmien. Issa, skond l-ligi, anke jekk ma jkun hemm ebda ftehim dwar kundizzjonijiet ta' xoghol ghal dak li hu salarju ecc., u anke jekk ma jithallasx ghal dak ix-xoghol minimu li jkun ghamel, [li f'dan il-kaz thallas], xorta jibqa l-fatt li hu effettivament kien qed jezercita l-professjoni jew xoghol

tieghu. Mhux xi element kostituttiv ta' dan ir-reat li ghandu jkun hemm xi forma ta' hlas jew kumpens ghal xoghol li jkun sar.

Kif deciz fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paolo D'Arrigo**:

*"Il-fatt semplici li wiehed, minghajr il-permess tal-Prim Ministru, jaghmel xi xoghol hawn Malta u jezercita dik il-professjoni tieghu, irrispettivament mit-tul ta' zmien li dan jaghmel dak x-xoghol, huwa bizzejjed biex jissusisti dan r-reat."*

L-artikoli tal-ligi jitkellmu biss dwar persuna barranija f'Malta minghajr il-permess tal-Prim Ministru tezercita xi professjoni jew xoghol.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 23 u 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikioli 30 u 10 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 u tiddikjara li ssib lil imputat OMAR GRANATA hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------